# Kristu offra talb u suppliki
# Adorazzjoni Ewkaristika għal-Lejl ta' Ħamis ix-Xirka 2024

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Leħinna ngħollu lejk f'dal-lejl ta' fidwa
sabiex kull qima, ġieħ u ħajr nagħtuk
għaliex għalina ħajtek tajt sal-aħħar,
Ħaruf bla ħtija.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Induru lejk bit-talb bħalm'għamilt inti
f'dal-lejl ta' sahra minħabba dnubietna,
li fih ikel u xorb int sirt għalina
fl-Ewkaristija.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għal dawk li l-Missier tak int tlabt waqt l-ikla
biex jibqgħu magħqudin u sħaħ fl-imħabba.
Fil-Ġnien mixħut mal-art, kellek tissara
ma' riedet Alla.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Mitbuq fit-talb kien fommok tul dis-sahra
quddiem dawk kollha li b'qerq akkużawk.
Minn fuq il-għuda xhert l-aħħar tnehida
f'isimna kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kull glorja w sebħ mill-qalb hawn irroddulek
għax tlabna f'talbek u int titlob f'tagħna.
Flimkien m'Alla l-Missier u Ruħ il-Qodos,
tifħir u glorja. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

> Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. (Lhud 5, 7)

Waħda mill-affarijiet li żgur tolqotna fir-rakkonti dwar Ġesù fl-Evanġelji hija li diversi drabi u f'diversi ċirkostanzi narawh jieqaf u jitlob. Forsi nistaqsu: Imma għalfejn kien jitlob Ġesù ġaladarba huwa Alla? X'seta' jitlob Ġesù? X'seta' kellu bżonn li hu stess ma setax jagħmlu bil-qawwa tiegħu? Dawn il-mistoqsijiet jibqgħu biss fuq il-qoxra tat-tifsira tat-talb u tal-importanza tiegħu fil-ħajja ta' Ġesù bħala Alla magħmul bniedem bħalna.

Meta d-dixxipli, fi triqthom lejn Ġerusalemm fejn kien sejjer biex jagħti ħajtu għalina, wara li rawh jitlob, ġenwinament jistaqsuh, "Għallimna nitolbu," flok jgħallimhom metodu jew teknika, Ġesù jaqsam magħhom ir-relazzjoni li kellu hu ma' Missieru tas-sema: jgħallimhom isejħu lil Alla bħala "Missier"; jgħallimhom ifittxu li l-ewwel għandhom il-glorja u l-qima ta' Alla; jgħallimhom ukoll x'inhuma l-prijoritajiet ta' dak li għandhom jitolbu għalih fejn tidħol il-ħajja tagħhom bħala bnedmin b'ġisem, jiġifieri l-ikel, il-maħfra tad-dnubiet, il-ħarsien mill-ħażin. F'kelma waħda jgħallimhom ma jibżgħux. Wara kollox, kif jgħid San Pawl:

> Aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem; u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu; bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skont ma jrid Alla. (Rum 8, 26-27)

Bi tħejjija għall-Ġublew tas-sena 2025, il-Papa Franġisku talab lill-Insara li din is-sena, 2024, tkun sena ddedikata lit-talb sabiex niskopru mill-ġdid ix-xewqa li nkunu fil-preżenza tal-Mulej, nisimgħuh, u nqimuh. Għaldaqstant, f'dan il-lejl qaddis, aħna wkoll se nitolbu lill-Mulej jgħallimna nitolbu billi nikkontemplaw lil Ġesù jitlob f'mumenti differenti tal-passjoni tiegħu, mill-aħħar ċena sal-mewt fuq is-Salib, sabiex nitgħallmu mill-mod tat-talb tiegħu fis-siegħa tal-prova l-kbira, u nħallu 'l qalbna tinfetaħ fit-talb bħalma ġie minfud il-ġenb tiegħu.

**Innu Ewkaristiku** (*Waslet is-Siegħa*)

## Ġesù jitlob waqt l-Aħħar Ċena

L-erba' Evanġelisti jirrakkuntawlna diversi azzjonijiet li seħħew waqt l-aħħar ikla ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu. Iżda, jekk ikollna nisiltu żewġ mumenti fejn fihom Ġesù jitlob jew iwettaq azzjoni li hija talba, dawn huma t-twaqqif tal-Ewkaristija u t-talba ta' Ġesù għad-dixxipli li kien għadu kemm ħaslilhom saqajhom. F'dan il-lejl qaddis li fih fakkarna t-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-Saċerdozju Ministerjali, ejjew nagħtu qima lill-Mulej preżenti quddiemna fl-Ewkaristija billi nħallu t-talba li għamel fi tmiem l-ikla ddawwal il-misteru tat-talb bħala djalogu ta' mħabba.

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (17, 1-6. 9. 11b. 15. 18-21)
Wara li qal dan, Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema u qal: "Missier, waslet is-siegħa; agħti glorja lil Ibnek biex l-Iben jagħti glorja lilek, bħalma int tajtu s-setgħa fuq kull bniedem biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li inti fdajtlu. Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt. Jien igglorifikajt lilek fuq l-art billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel. U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.
Jiena għarraft ismek lill-bnedmin li inti tajtni mid-dinja. Kienu tiegħek, u inti tajthom lili, u huma ħarsu kelmtek. Jiena għalihom nitlob; ma nitlobx għad-dinja, imma għal dawk li inti tajtni, għaliex huma tiegħek. Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna. Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-Ħażin. Kif inti bgħatt lili fid-dinja, hekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja. U jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità.
M'iniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Tifħir lilek, Kristu.*

Mulej Ġesù, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, illejla nissieħbu mal-Missier fil-glorja li biha sebbħek, u nissieħbu miegħek fil-glorja tiegħek lilu. Irroddulek ħajr għax f'dak il-lejl inti ftakart fina wkoll, u tlabt għalina li emminna bis-saħħa tal-Kelma tiegħek li twasslet lilna minn ġenerazzjoni ta' Nsara għal oħra u permezz ta' dawk li għażilthom biex ikomplu l-ħidma tal-appostli. B'dieqa, ikollna nitolbuk ukoll tfejjaq il-feriti tal-firdiet ta' bejnietna li nistqarru ismek, sabiex, permezz tal-għaqda tal-imħabba bejnietna, id-dinja temmen fik, il-Mibgħut tal-Missier.
Mulej Ġesù, insebbħuk għax bqajt magħna bħala ikel fl-Ewkaristija. Fl-Ewkaristija, aħna nistgħu ngħaqqdu l-offerta tagħna ma' tiegħek u, f'isimna lkoll, fi djalogu mal-Missier, is-saċerdot jitlob sabiex il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tiegħek, u magħhom l-offerta tax-xejn tagħna tinbidel f'salvazzjoni.
Mulej Ġesù, kemm insibuha iebsa biex nibqgħu fid-dinja mingħajr ma nkunu tad-dinja! Kemm insibuha iktar faċli li ninġarru mal-kurrent flok, bħalek, inżommu ħarsitna 'l fuq u saqajna mal-art! Kultant inħossu l-ħażen jiblagħna minn barra u jnawwarna minn ġewwa. Imma aħna għandna fiduċja fit-talba dejjiema tiegħek għalina, li ma teħlisniex mit-tiġrib jew twarrabna mid-dinja, imma tħarisna mill-Ħażin sabiex ma nintilfux minn ħdanek.
Mulej Ġesù, qaddisna permezz tal-verità ... verità li mhijiex fl-ajru jew suġġettiva għax "il-kelma tiegħek hi l-verità" (Ġw 17, 17), u allura inti nnifsek, il-Kelma ta'

Alla magħmula laħam, inti l-Verità. O Verità eterna, dawwalna bid-dija tiegħek sabiex insibuk bħala t-Triq li twassalna għand il-Missier u niksbuk bħala l-Ħajja, dik il-Ħajja li ma tintemm qatt.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ejjew infaħħru lil Kristu, il-Qassis il-Kbir u ta' Dejjem, billi għal kull invokazzjoni nwieġbu: ***aħna nberkuk u nadurawk.***

- Saċerdot il-Kbir tal-Patt il-Ġdid li jibqa' għal dejjem, **R/.**
- Qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek, **R/.**
- Bin il-Missier u medjatur waħdieni bejnu u bejnna, **R/.**
- Qassis u vittma, dak li joffri u dak li jiġi offrut, **R/.**
- Ħaruf li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, **R/.**
- Dija tas-sebħ ta' Alla li bdilt is-Salib fl-altar bl-għotja tiegħek innifsek, **R/.**
- Bin il-bniedem li tagħti lil kull mgħammed sehem mis-saċerdozju tiegħek biex isseħibna fl-offerta tiegħek innifsek, **R/.**
- Qassis ta' dejjem li tagħżel lil xi wħud biex isseħibhom miegħek fil-ministeru saċerdotali, **R/.**
- Salvatur tad-dinja li għadek issejjaħ żgħażagħ biex jiddedikaw ħajjithom għalik u għas-salvazzjoni ta' ħuthom, **R/.**

**Innu Ewkaristiku** (*Nada te turbe – Tħallix xi Jtaqqlek*)

## Ġesù jitlob fil-Ġnien taż-Żebbuġ

Wara t-twaqqif tal-Ewkaristija u t-Talba Saċerdotali, in-nisġa tar-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej tkompli billi Ġesù u d-dixxipli kantaw is-salmi ta' tifħir preskritti għal tmiem l-ikla tal-Għid (Mk 14, 26), ħarġu mid-dar fejn kienu u qasmu għan-naħa l-oħra tal-Wied ta' Kedron (Ġw 18, 1), u rħewla lejn l-Għolja taż-Żebbuġ "bħas-soltu," kif jirrimarka l-Evanġelista Luqa (Lq 22, 39). Dan jagħtina x'nifhmu li kien post familjari għalihom, possibbilment fejn kienu jqattgħu l-iljieli meta kienu jkunu Ġerusalemm, jew saħansitra l-post fejn Ġesù bħas-soltu kien isib il-mistrieħ tiegħu fl-intimità tat-talb.

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (14, 32-42)
Waslu f'qasam jismu Ġetsemani, u qal lid-dixxipli tiegħu: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm nitlob." U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u bdew jaħkmuh il-biża' u d-dwejjaq. Qalilhom: "Inħossni mnikket għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru." Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art, u talab li, jekk jista' jkun titwarrab minnu dik is-siegħa. U qal: "Abba, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux li rrid jien, imma li trid int." Ġie ħdejhom u sabhom reqdin, u qal lil Pietru: "Xmun, rieqed? Ma flaħtx tishar siegħa waħda! Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem

dgħajjef." U raġa' mar u tenna l-istess talba. Mill-ġdid ġie u għal darb'oħra sabhom reqdin, għax għajnejhom kienu tqal bin-ngħas; u ma għarfux x'jaqbdu jgħidulu. Ġie għat-tielet darba u qalilhom: "Torqdu issa u tistrieħu? Biżżejjed. Issiegħa waslet; araw li Bin il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin. Qumu! Ejjew immorru! Ara, dak li se jittradini hu fil-qrib!"

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Tifħir lilek, Kristu.*

Mulej Ġesù, dak il-lejl fil-ġnien kien għalik lejl ta' sahra, bħalma kien lejl ta' sahra dik il-lejla li fiha l-poplu Lhudi ħareġ mill-Eġittu mmexxi minn Mosè, wara li ttiekel il-ħaruf tal-Għid u l-koxox tal-bibien ġew imċappsa bid-demm tiegħu bħala sinjal. Anke f'dan il-lejl, l-għaraq tiegħek sar demm … l-ewwel qtar tad-demm li xxerred fil-passjoni ħarxa tiegħek.
Jekk is-soltu kont issib il-mistrieħ tiegħek fit-talb, dak il-ħin fil-Ġetsemani t-talb ma kienx ta' mistrieħ imma kien taqbida. Ma kienx taqbida max-Xitan bħal meta ġejt imġarrab fid-deżert. Bħal Ġakobb fit-Testment il-Qadim, kien ifisser li tissara ma' Alla. Ir-rieda umana tiegħek kellha titħabat biex taċċetta l-pjan divin, hekk kif il-piż ta' dnub l-umanità kollha beda jagħfas fuqek. Kellek tissara sabiex, f'dan il-lejl ukoll, anke r-rieda tiegħek issib il-mistrieħ tagħha fir-rieda tal-Missier. "Abba," "papà": hekk sejjaħtlu sabiex wasalt li minn fommok tlissen l-"Ikun li trid int" tiegħek. Wara kollox, mhux hekk għallimtna nitolbu lill-Missier: "ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art" (Mt 6, 10)? Iżda f'dan il-lejl—bħal iljieli li ngħaddu minnhom aħna wkoll—inti kellek tlissen l-"ikun li trid int" tiegħek meta donnu kollox kien jidher ta' taħt fuq u ma kienet tidher l-ebda għażla oħra jew triq minn fejn taħrab. Imma kien proprju permezz ta' din l-"ikun li trid int" tiegħek li l-istess ordni tas-sema twaqqaf b'mod perfett fl-art permezz tar-risposta ħielsa tiegħek, il-bniedem-Alla … il-bniedem il-ġdid li fil-ġnien ireġġa' lura l-"Le" tal-ewwel bniedem sabiex bl-"Iva" missielta imma soda tiegħek isseħħ il-fidwa.
Mulej Ġesù, għallimna bħalek intennu l-"ikun li trid int" tagħna dejjem, anke meta madwarna kollox jidher mudlam u xejn ma jibda jagħmel sens.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, f'dak il-lejl tal-biża' ġarrabt tassew xi jfisser il-biża'. Għalhekk, f'dan il-lejl, filwaqt li npoġġu quddiemek il-biżgħat kollha sabiex jiddewbu fin-nar tal-imħabba tiegħek, se npoġġu wkoll quddiemek lil ħutna maħkumin mill-biża' jew għaddejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli sabiex inti teħlishom. Ngħidu flimkien: ***eħlishom, nitolbuk, Mulej***.

- Lil dawk imbeżżgħin minħabba l-ġwerra u l-mibegħda, **R/.**
- Lil dawk imwerwrin mill-mewt u l-ġudizzju tiegħek, **R/.**
- Lil dawk imtaqqlin minħabba l-passat tagħhom, **R/.**

- Lil kull min qed jgħix f'sitwazzjoni ta' vjolenza domestika, *R/.*
- Lil dawk li qed jgħixu fl-inċertezza għax il-futur jidher imċajpar quddiemhom, *R/.*
- Lil dawk li huma mwaħħlin minħabba nuqqas ta' fiduċja fihom infushom u fik, *R/.*

**Innu Ewkaristiku**

## Ġesù jitlob permezz tas-Skiet waqt il-Passjoni

Ħafna drabi naħsbu li t-talb ifisser kliem: kliem li ngħidu aħna lil Alla; kliem ħaddieħor li ninqdew bih sabiex nikkomunikaw ma' Alla. Imma ta' spiss it-talb jissarraf fi skiet: skiet quddiem Alla li donnu jibqa' sieket; skiet min-naħa tagħna meta ma jkollniex ħeġġa nitolbu, jew ir-rabja u l-uġigħ ibikkmuna; skiet meta s-sema nħossuh magħluq għalina; skiet meta, quddiem ċerti sitwazzjonijiet fil-ħajja, ma nkunu nistgħu llissnu l-ebda kelma għajr talba ta' preżenza biex il-Mulej jiġi preżenti anke fit-tbatija ta' oħrajn. Anke Ġesù waqt il-passjoni: ma tkellimx biss bil-kliem, imma tkellem ukoll bis-skiet tiegħu.

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (15, 1-5)
Filgħodu kmieni l-qassisin il-kbar iltaqgħu malajr max-xjuħ u mal-kittieba u mas-Sinedriju kollu biex jiftiehmu bejniethom. Imbagħad rabtu lil Ġesù, ħaduh u tawh f'idejn Pilatu.
Pilatu staqsieh: "Inti s-sultan tal-Lhud?" U hu wieġeb u qallu: "Int qiegħed tgħidu." Il-qassisin il-kbar bdew jaqilgħu ħafna akkużi kontra tiegħu. Iżda Pilatu raġa' staqsieh: "Ma twieġeb xejn? Ara kemm akkużi qegħdin iġibu kontra tiegħek!" Imma Ġesù ma wieġeb xejn iżjed, hekk li Pilatu baqa' mistagħġeb.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Tifħir lilek, Kristu.*

Mulej, minkejja li wara l-agunija fil-Ġetsemani l-ewwel talb li nisimgħuk tlissen ikun fuq is-Salib, żgur li f'dak is-skiet ta' bla risposti kont qiegħed ukoll titlob fis-skiet: talb bla kliem imma biss tnehid tal-qalb; talb fgat bl-uġigħ; talb sieket imwieġeb biss bis-skiet.
Minkejja s-skiet tiegħek matul il-passjoni, meta ma kienx fadal iżjed kliem x'jingħad imma baqa' biss is-skiet, is-skiet tiegħek kien skiet ta' preżenza: inti kont hemm, sieket, quddiem Pilatu jipprova jgħarblek bit-tama li jsib tarf; sieket quddiem il-mistoqsijiet kollha u l-akkużi li sarulek. Inti ma ssejjaħx qtajja' tas-sema biex jeħilsuk, imma tibqa' hemm sieket tisma'.
Bħal Pilatu, aħna s-skiet ma nħobbuhx: aħna rridu r-risposti, u nitilqu bil-mistoqsijiet ta' qalbna għadhom mhux imwieġba għax m'għandniex sabar nistennew it-tweġiba tiegħek … tweġiba li b'mod jew ieħor inti dejjem tagħtina,

imma fil-ħin tajjeb tiegħek u mhux kif nimmaġinaw aħna. Tweġiba hekk siekta li faċli tibqa' għaddejja minn fuq rasna u ma nisimgħuhiex għax medhijin wisq bl-istorbju li bih nippruvaw nimlew il-vojt tagħna.
Mulej, agħmilna attenti għat-tweġibiet siekta tiegħek. Fuq kollox, qabbadna l-għatx għas-skiet, anke fil-ħin tat-talb tagħna, sabiex nieqfu fil-preżenza tiegħek u noqogħdu kwieti nitpaxxew bik.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Fil-ktieb *Il-Mera tal-Imħabba*, San Elred, abbati, jikteb kif f'dak il-lejl:

> Hu, l-isbaħ fost ulied il-bnedmin, offra wiċċu ta' ġmiel kbir għall-bżieq tal-ħżiena; ħalla nies midinbin jgħattulu b'velu dawk għajnejh li b'ħarsa tagħhom imexxu kollox; telaq ġenbejh lill-kbarat u s-setgħana; ħalla lil min iżebilħu u jgħajru; u fl-aħħar nett laqa' b'sabar kbir is-salib, l-imsiemer, il-lanza, l-imrar u l-ħall, kollox bil-kwiet, bil-ħlewwa, bis-sliem. Bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu. (*Speculum Caritatis*, 3.5; PL 195.582)

Waqt li naduraw fis-skiet lill-Mulej fl-umiljazzjoni tiegħu, niftakru wkoll f'dan il-lejl f'tant persuni madwar id-dinja li jisfgħu mbikkma u msikkta. Ejjew nagħtu leħen lil min m'għandux permezz ta' Salm 10, u nitolbuh f'isimhom, billi ntennu flimkien: ***Isma', Mulej, it-talb tal-imsejknin***.

(Salm 10, 1-2. 3-4. 12-13. 15-16. 17-18)

Għaliex, Mulej, int hekk imbiegħed?
Għaliex tinħeba waqt il-bżonn?
Fi kburitu l-ħażin lill-fqir jaħqar,
jaqbdu fin-nases li nasablu. ***R/.***

Il-ħażin jiftaħar bix-xewqat ta' qalbu,
fir-regħba tiegħu jisħet u jżeblaħ lill-Mulej.
Fi kburitu jkasbar lill-Mulej, u f'xejn ma jfittxu;
u Alla ma jidħolx fi ħsibijietu. ***R/.***

Qum, Mulej! Erfa' idek, o Alla!
La tinsihomx lill-imsejknin.
Għax għandu l-ħażin ikasbrek, o Alla,
u jaħseb li int ma tfittxux? ***R/.***

Kisser int driegħ il-ħażin u l-midneb,
ilħaqlu ħżunitu sakemm ma ssiblux iżjed.
Sultan hu l-Mulej għal dejjem ta' dejjem;
inqerdu l-ġnus minn artu. ***R/.***

It-talba tal-imsejknin smajtha, Mulej;
int taqtgħalhom ix-xewqa ta' qalbhom,
biex tagħti raġun lill-iltim u l-maħqur;
u bniedem tal-art ma jbeżżax aktar. ***R/.***

**Innu Ewkaristiku**

## Ġesù jitlob fuq is-Salib

Il-misteru tas-salib jikxef il-profondità tal-abbiss tal-imħabba ta' Alla għalina u jħaddan it-talb kollu tagħna f'dan id-dagħbien ta' mħabba bejn il-Missier u l-Iben li bħal donnu jidher jiċċarrat bil-karba ta' Ġesù "Għaliex tlaqtni?" Imma huwa f'dan l-ispazju bejn il-persuna tal-Missier u tal-Iben fit-Trinità Qaddisa li jsib postu t-talb kollu tagħna.

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (15, 33-37)
Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani?", li jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!" U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!" Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Tifħir lilek, Kristu.*

Wara t-tnehida ħierġa mill-qiegħ ta' ruħek, Mulej, it-talb tagħna wkoll jitbikkem. Wara l-mistoqsija tiegħek "Għaliex tlaqtni?" ma tantx jifdal talb iktar imneżża' minn hekk li ma jispiċċax dagħa. F'dak il-ħin, meta l-"Abba, Missier" tal-Għolja taż-Żebbuġ fuq l-għolja tal-Kalvarju tinbidel f'sejħa lil Alla li donnu hu barrani, u d-divinità tiegħek tintradam taħt id-dnubiet kollha tad-dinja … f'dak il-ħin jinkixef għal kollox quddiemna l-misteru tal-imħabba infinita tiegħek. Quddiem dal-misteru nistgħu biss nisktu għax żgur li l-ebda karba ta' wġigħ ma tista' tissupera din il-karba tiegħek. Imma quddiem dal-misteru nsibu l-kenn sakemm għalina wkoll jasal jum il-qawmien. U dan għaliex proprju f'dik l-"Għaliex tlaqtni?" tiegħek hu miġbur it-tnehid u l-għajjat kollu tagħna, in-niket u d-dwejjaq kollu tagħna, l-uġigħ u l-qtigħ il-qalb tagħna.
Mulej Ġesù, meta anke fil-qalb tagħna l-aħħar talba li jkun fadal tkun din l-istess talba tiegħek "Għaliex tlaqtni?", agħmel li ma nibżgħux minnha; agħmel li ma nibżgħux mis-skiet li xorta waħda jibqa' jdamdam wara; u, fuq kollox, agħtina l-grazzja li b'xi mod qalbna wkoll tistrieħ f'dik l-għajta u xorta waħda nibqgħu miegħek irroddu lilna nfusna lill-Missier u nintelqu f'idejh.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Hekk kif dan il-jum wasal biex jintemm sabiex jiftaħ is-separju għall-jum li fih infakkru l-passjoni u l-mewt tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem, qabel ma ntemmu din l-adorazzjoni, ejjew irressqu lill-Mulej it-talb tagħna.

- Mulej Ġesù, nitolbuk għall-Knisja, l-Għarusa tiegħek imnissla minn ġenbek minfud, sabiex anke fi żmienna ma tehdiex tħabbar il-mewt tiegħek sa ma terġa' tiġi. Nitolbu.
- Seddaq lill-mexxejja tal-popli sabiex iħabirku għall-paċi u l-ġustizzja fost il-bnedmin kollha, maħluqin xbieha tiegħek u mifdijin b'demmek. Nitolbu.
- Nitolbuk għal dawk li qegħdin ibatu minħabba mard, inġustizzji, gwerer, ġuħ, jew diżastri naturali, sabiex jagħrfu jgħaqqdu t-tbatijiet tagħhom ma' tiegħek għas-salvazzjoni tad-dinja. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ sabiex jaqduk bħala saċerdoti, reliġjużi, lajċi kkonsagrati, u missjunarji, u qawwihom sabiex ma jibżgħux iwieġbu "Ikun li trid int" għas-sejħa tiegħek. Nitolbu.
- Sieħeb miegħek fil-qawmien u l-hena għal dejjem lil ħutna li diġà ssieħbu miegħek fil-mewt. Nitolbu.

Ilqa', Mulej Ġesù, dan it-talb fqajjar tagħna, u agħġnu mat-talb tiegħek għalina quddiem il-Missier. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Innu Ewkaristiku

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

Fil-jum ta' għada, meta Kristu, il-Ħaruf tal-Għid tagħna, kien maqtul (1 Kor 5,7), il-Knisja timmedita fuq il-Passjoni tal-Mulej u l-Għarus tagħha, tqim is-salib, tfakkar it-tnissil tagħha mill-ġenb minfud ta' Kristu, u tinterċedi għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.